

32006R0970

30.6.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 176/49

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 970/2006

tad-29 ta' Ġunju 2006

Li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2305/2003 tad-29 ta' Diċembru 2003 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja għall-importazzjoni tax-xgħir minn pajjiżi terzi

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika skont l-Artikolu XXIV(6) u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim ġenerali dwar it-tariffi doganali u l-kummerċ (GATT) tal-1994 ⁽²⁾, approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/333/KE ⁽³⁾, jistabbilixxi b'mod partikolari żieda ta' 6 215 tonnelli fil-kwantità ta' xgħir soġġetta għal kwota tariffarja.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2305/2003 ⁽⁴⁾ fetaħ kwota tariffarja Komunitarja għax-xgħir. Għandu jiġi implimentat il-Ftehim approvat mid-Deċiżjoni 2006/333/KE biż-żieda tal-kwantitajiet koperti minn din il-kwota.
- (3) Għall-fini ta' simplifikazzjoni, id-dispożizzjonijiet li ma għadhomx fl-użu tar-Regolament (KE) Nru 2305/2003, għas-sena 2004, għandhom jitnehew.
- (4) Għall-finijiet ta' ċarezza, għandu jiġi speċifikat li l-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni għandhom isiru mhux aktar tard mit-Tnejn, u dan ma jeskludix l-applikazzjonijiet li jsiru qabel.
- (5) Sabiex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni tas-sistema, għandu jiġi stabbilit li r-rapport tal-informazzjoni mitlub mill-Kummissjoni jsir b'mezz elettroniku.

(6) Għall-finijiet ta' ċarezza, il-kunċett ta' koeffiċjenti ta' roħs għandu jiġi sostitwit ukoll b'dak ta' koeffiċjenti ta' allokkazzjoni.

(7) Għaldaqstant għandu jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 2305/2003.

(8) Il-Ftehim approvat mid-Deċiżjoni 2006/333/KE li jstabbilixxi implimentazzjoni fl-1 ta' Lulju 2006, għandu jiġi stabbilit meta jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

(9) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2305/2003 għandu jiġi emendat kif ġej:

- 1) L-Artikolu 1 tbiddel bit-test li ġej:

“Artikolu 1

1. Kwota tariffarja ta' 306 215 tonnelli għall-importazzjoni tax-xgħir rilevanti mal-kodiċi NM 1003 00 hija miftuħa (numru tas-serje 09.4126).

2. Il-kwota tariffarja hija miftuħa fl-1 ta' Jannar ta' kull sena. It-taxxa ta' importazzjoni ġewwa l-kwota tariffarja hija ta' 16-il euro għal kull tonnelli.

Għall-prodotti stabbiliti f'dan ir-Regolament importati f'aktar mill-kwantità stabbilita fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu, japplika l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003.”

⁽¹⁾ ĠU L 270, 21.10.2003, p. 78. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1154/2005 (ĠU L 187, 19.7.2005, p. 11).

⁽²⁾ ĠU L 124, 11.5.2006, p. 15.

⁽³⁾ ĠU L 124, 11.5.2006, p. 13.

⁽⁴⁾ ĠU L 342, 30.12.2003, p. 7. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 777/2004 (ĠU L 123, 27.4.2004, p. 50).

2) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

i) l-ewwel inċiż tbiddel bit-test li ġej:

“1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni jingħataw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kull ġimgħa, mhux aktar tard mit-Tnejn fis-13.00, ħin ta' Brussell.”

ii) it-tielet inċiż huwa revokat;

b) fl-ewwel inċiż tal-paragrafu 2, l-ewwel sentenza hija mibdula bit-test li ġej:

“Fl-aħħar jum li jinġabru r-rikjesti għal-liċenzji, l-awtoritajiet kompetenti jibagħtu rapport lill-Kummissjoni b'mezz elettroniku konformi mal-mudell li jidher fl-Anness, kif ukoll il-kwantità totali li tirriżulta mis-somma tal-kwantitajiet indikati fl-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni, mhux aktar tard mis-18.00, ħin ta' Brussell.”

c) il-paragrafu 3 huwa mibdul bit-test li ġej:

“3. Jekk it-total tal-kwantitajiet konċessi mill-bidu tas-sena u l-kwantità stabbilita fil-paragrafu 2 taqbeż il-kwantità tal-kwota rilevanti għas-sena konċernata, il-Kummissjoni tistabbilixxi koeffiċjenti ta' allokkazzjoni li għandu japplika għall-kwantitajiet rikjesti, mhux aktar tard mit-tielet jum ta' xogħol wara l-aħħar għat-tressiq tal-applikazzjonijiet.”

d) fil-paragrafu 4, l-ewwel sentenza tbiddlet bit-test li ġej:

“Mingħajr ħsara għall-paragrafu 3, il-liċenzji joħorġu fir-raba jum ta' xogħol wara l-aħħar jum għat-tressiq tal-applikazzjonijiet.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum li fih jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Japplika mill-1 ta' Lulju 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Ġunju 2006.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membri tal-Kummissjoni